Minuti tat-12 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar l-Hamis 21 ta' Novembru, 2013. Il-laqgha nbdiet hin 4.50pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Louis Apap |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Lisa Marie Brooke |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli Depasquale |

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tad-9 laqgha.**

1.1 Il-Minuti ta' l-10 u 11 laqgha gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Attivitajiet**

2.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivitajiet li gew organizzati matul il-weekend precedenti fejn jidher li kien hawn rispons tajjeb u filfatt numru ta' persuni zaru l-lokalita' biex jattendu ghalihom. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandu jara x'proceduri huma necessarji sabiex jintrema fiera fil-miftuh. Ghal Dicembru ghandha tinstab gurnata biex tkun organizata fiera fil-miftuh.

**3.0 Kwotazzjonijiet tal-Milied**

3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienu dahlu zewg kwotazzjonijiet ghal tizjin ta' dawl tal-Milied wahda minghand Joe Louis Caruana ghall-ammont ta' €1450.00 u l-ohra minghand Richard Cauchi ghall-ammont ta' €970. Il-Kunsill qabel ma' l-irhas offerta' sottomessa li kienet dik ta' Richard Cauchi.

**4.0 Offerti 05-13 – Provista u Xogholijiet ta' Patching madwar l-Gharb**

4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ma giet sottomessa ebda offerta ghal xoghol ta' patching.

4.2 Emanuel Muscat staqsa dwar il-patching tal-Water Services Corporation. Is-Sindku spjega li l-Ing. Stefan Riolo qal li huma lesti jhallsu €50 ghal kull *pothole* pero' s'issa ghadu ma nstabx kuntrattur li lest jaghmel dan ix-xoghol ghal dan l-ammont. Is-Sindku informa lill-Kunsill li gie avvicinat l-kuntrattur P&J Debono Ltd sabiex jissottomessi kwotazzjoni ghal dan ix-xoghol. Il-Kunsill qabel li ser jara x'prezz ser ikun provut minn P&J Debono u jiddeciedi kif ghandu jipprocedi.

**5.0 Offerta' 06-13 – Provista u Installazzjoni ta' CCTV Cameras**

5.1 Giet sottomessa offerta' wahda biss minghand Mario Hili ghall-Provista u Installazzjoni ta' CCTV Cameras. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li l-offerta' ghandha tinghata lil Mario Hili.

**6.0 Offerta' M313/11 – Kostruzzjoni ta' *Jogging Track* ghall-Leisure Park**

6.1 Is-Sindku spjega li gew sottomessi zewg offerti wahda minghand Mario Hili u l-ohra Gatt Tarmac Ltd. Iz-zewg offerti gew evalwati mill-Bord kompost minn Dr. Joshua Grech, Dr. Josette Spiteri u Paul Zahra iktar kmieni. Wara evalwazzjoni gie innotat li l-irhas offerta' sottomessa li kienet ta' Mario Hili ma kienetx *administraive* u *technical complaint*. L-offerta' sottomessa minghand Gatt Tarmac Ltd minkejja ma kienetx l-irhas wahda kienet xorta fil-limiti tal-Budget. Huwa ghalhekk li l-board qieghed jirrakomanda li din l-offerta' ghandha tinghata lil Gatt Tarmac Ltd. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjonijiet tal-board u ghalhekk gie deciz li l-offerta' ghandha tinghata lil Gatt Tarmac Ltd.

6.2 Emanuel Muscat staqsa dwar patching bil-boroz tat-tarmac. Is-Sindku spjega li wara li l-Kunsill staqsa lil Bitmac Ltd minn fejn jinxtraw dawn il-boroz kemm jigu bzonn boroz biex timla hofra 1m x 1m, dawn ikkonfermaw li trid total ta' 6 boroz. Wara diskussjoni gie deciz li l-Kunsill ghandu jerga jistaqsi jekk dawn ikunx bizzejjed biex il-hofra tkun kompatta u ma tinzilx wara ftit zmien.

6.3 Lura ghall-Kostruzzjoni tal-*Jogging Track* is-Sindku spjega li x-xoghol taht din l-offerta' ser jinkludi livellar tal-ground u titlesta' l-art sabiex wara ikun jibqa' biss li jitpogga r-rubber tat-trakka.

6.4 Il-Vici Sindku gibed l-attenzjoni li huwa importanti li l-kuntrattur jinghata zmien sakemma ghandu jitlesta' x-xoghol.

6.5 Il-Vici Sindku staqsa dwar is-sitwazzjoni tal-ground fejn is-Sindku spjega li l-Kunsill ghandu qed jistenna appuntament minghand l-Onor. Stefan Buontempo sabiex jigi diskuss il-ground kif kien gie diskuss waqt il-laqgha tal-Kunsill.

6.6 Is-Sindku spjega ukoll li fuq parir ta' l-Inginier, l-Espressjoni ta' Interess li fil-laqgha precedenti kien sar qbil li ghandha tinhareg, l-ahjar li ma tinharigx fil-prezent minhabba li fil-prezent il-*feed in tariff* mhix wahda vantaggjuza.

6.7 Il-Vici Sindku staqsa jekk taht il-*Jogging Track* hux ser jghaddu xi pipijiet. Is-Sindku spejga li ser isir gutter ghall-ilma tax-xita u ser jghaddu pipijiet tad-dawl.

6.8 Emanuel Muscat staqsa jekk il-ground prezenti hux ser jitkisser konsegwenza ta' dawn ix-xogholijiet. Is-Sindku spjega li f'din l-offerta' kien hemm provizjoni ghal surface tal-ground bil-materjal li qieghed fil-prezent pero' il-ground innifsu huwa diga livellat u ghalhekk dan ser jibqa' kif inhu fil-prezent.

**7.0 Aggornament dwar xogholjiet u Progetti**

7.1 Is-Sindku spjega li x-xoghol fuq il-kampnari tal-Knisja inbeda' pero' sfortuntament it-temp mhux qieghed jghin biex jimxi kif mixtieq. Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-jiem li gejjin ser isir bi-lateral meeting fejn ser jitlob sabiex issir estensjoni tal-progett peress li minhabba l-problema tal-maltemp din qeghda itellef mill-andament tax-xoghol.

7.2 Is-Sindku spjega ukoll li l-handyman tal-Kunsill Leli Saliba rranga t-tappiera ta' wara l-Knisja peress li kienet perikoluza u kien ukoll qieghed jirranga l-isqaq nru 1 fi Triq Trux.

7.3 Lisa Brooke staqsiet dwar ir-resurfacing ta' Triq San Dimitri. Is-Sindku spjega li permezz tal-fondi tal-M125 l-Kunsill kien iddecieda li minflok minn hdejn il-Kappela ta' San Dimitri sa Wied ta' Gulja u dan wara li il-Minsiteru ghal Ghawdex ma zamx mal-weghda li ssir Triq ta' Wied ir-Raghab min-naha taghhom u l-kunsill bil-flus li kienu ser jigu ivvutat issir triq ta' hdejn il-Kappella imsemmija aktar il-fuq fl-istess paragrafu.

Is-Sindku kompla jispjega li l-Kunsill qieghed jistenna li jigu settled il-konijiet tal-PPP biex jigi deciz jekk tistax issir i-parti d-dejqa ta' Triq San Dimitri.

7.4 Is-Sindku spjega li waslu ilmenti li kien waqa' hajt fi Sqaq il-Fgura. Il-Kunsill qabel li ghandhom jittiehdu l-passi mehtiega sabiex dan jitranga.

7.5 Lisa Brooke gibet l-attenzjoni li l-mera ta' Triq ta' Sdieri kienet inkisret. Is-Sindku spjega li din il-mera diga giet ordnata.

7.6 Carmen Vella gibdet l-attenzjoni li l-bozoz tas-Santwarju ta' Pinu kien hemm hafna minnhom mahruqa. Is-Sindku spjega li kien gie Alvin Mercieca li huwa l-handyman tas-Santwarju u kien gab borza kollha bozoz pero' ma kienx ta spjegazzjoni ta' x'kienu u x'kellhom bzonn. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien qieghed f'kuntatt ma' Mercieca biex jigi identifikat ezatt x'bozoz kien hemm bzonn.

7.7 Emanuel Muscat staqsa jekk tistax tinsab soluzzjoni ahjar sabiex jinsabu bozoz li jkunu aktar ekologici u iktar ekonomici minn dawk li qed jintuzaw fil-prezent f'dan is-Santwarju. Il-Kunsll qabel li ghandu jintalab isir rapport minn Inginier f'dan ir-rigward.

7.8 Emanuel Muscat issugerixxa li ghandhu jigi ikkuntatjat il-Ministeru ghal Ghawdex sabiex il-Kunsill jara x'possibilita' hemm li s-Santwarju jigi inkluz taht l-Eko Ghawdex.

7.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill li hemm problema fir-rigward tal-kontijiet tal-latrini pubblici peress li meta intbghatu lid-Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika bhal ma dejjem isir dawn regghu lura ghand il-Kunsill.

7.10 Lisa Brooke staqsiet dwar jekk taht il-ground tal-football hemmx reservoir li jintuza ghat-toilets etc. Is-Sindu spjega li fil-prezent m'hemmx pero' hemm il-hsieb li jsir jekk tigi milqugha l-Applikazzjoni tal-Kunsill tal-Landscaping 4.313.

7.11 Il-Vici Sindku semma li jidher li s-sahha fil-lokalita' ha taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsilli Lokali. Huwa zied jghid li jekk dan il-kaz ikun xieraq jekk il-Kunsill jigi moghti zieda fl-allokazzjoni sabiex tkompri dawn l-ispejjez. Is-Sindku qal li kif jidher fil-prezent ser isiru *talks* mill-bereg tal-lokal u filfatt kienu diga gew jaraw il-berga tal-lokalita'. Huwa zied jghid li kien talab lil Paul Zahra sabiex jipprepara stima sabiex jsiru l-finishing works tal-berga biex wara naraw kif jistghu jinkisbu fondi ghal dan ix-xoghol. Emanuel Muscat issugerixxa li jinstab sponsor ghal dan ix-xoghol. Is-Sindku spjega li l-Kunsill jista' jara x'proceduri jridu jittiehdu sabiex jara ikunx hemm interess minn xi tabib jew professjonist fil-qasam tas-sahha li jkun interessat li jutilizza l-berga ghall-konsulenzi privati u sabiex jaghmel dan ikun responsabli li jaghmel ix-xoghol tal-*finishing* mehtieg.

7.12 Lisa Brooke gibdet l-attenzjoni li Sqaq ta' Gahan fi Triq San Pietru ma kienx qieghed jitnaddaf u ma kienx qed jinqata' l-haxix. Is-Sindku spjega li ser tingibed l-attenzjoni tal-haddiem Louis Piscopo pero' kif kien deciz precedentament dan il-haddiem ma jaqtax haxix.

7.13 Is-Sindku spjega li waqt iz-zjara li kellu f'Enna Sqallija kien gie infurmat li taht dan il-progett l-Kunsill obbligat li jsiru laqghat ghall-istaff u laqghat ghaz-zghazagh. Il-Kunsill qabel li l-Ambaxxatur taz-

Zghazagh ta' l-Gharb Pierre Camenzuli ghandu jkun involut u jigi delegat sabiex jiehu hsieb li jsiru dawn il-laqghat. Is-Sindku spjega li fi Frar bejn it-22 – 24 ta' Frar ser tkun qeghda ssir zjara f'Enna fejn ghaliha ser ikunu jistghu jattendu bejn 5 / 6 persuni jew iktar skond il-budget. Min-naha taghhom il-Kunsill ta' Enna ser ikunu qed ihallsu 30% tal-vjaggi.

**8.0 Skeda ta' Pagamenti**

8.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha.

**9.0 Korrispondenza u materji ohra**

9.1 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:
PA03232/13 – *To amend permission PA5180/10 with additions and alterations on all floors.*
PA03166/13 – *To renew permit PA 5538/06 – to construct a house with garage.*
PA02994/13 – *To construct washroom and parapet wall at roof level.*
PA03116/13 – Renewal of permission pa 725/08 – alterations and erect house with pool.
Avviz biex tieqaf u ta' Twettiq – ECF00267/13

9.2 Minghand Gozo Greyhounds fir-rigward ta' tigrijiet fuq bazi annwali li qed jipproponu li jsiru.

9.3 Minghand ic-Centru Parrokkjali l-Gharb fir-rigward ta' talba ghal ghajnuna ghal Lejla Sajfija. Il-Kunsill qabel li din is-serata issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u ghandu jaghti l-ghajnuna mehtiega.

9.4 Minghand il-Moviment Kerygma fir-rigward ta' Premju Zghazugh tas-Sena 2014. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi nominata Joseph Mizzi ta' 'Santa Rita', Triq il-Knisja, l-Gharb ghal dan il-Premju.

9.5 Minghand Beate Hauff fir-rigward ta' hsarat li kienet garbet fil-faccata tad-dar taghha meta kienet qeghda ssir it-triq. Fl-laqgha precedenti kien diga gie deciz li din ghandha tigi kumpensata tal-ispejjez li ggarbu u l-ispiza tinqata' minn mal-kont tal-kuntrattur. Fil-korrispondenza tas-Sinjura Hauff hija talbet lill-Kunsill l-ammont ta' €100. Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata l-kumpens lis-Sinjura Hauff kif filfatt kien gie deciz.

9.6 Minghand CommCare Assessment Unit fejn il-Kunsill gie mitlub jaghti dettalji dwar support groups fil-lokalita'.

9.7 Minghand il-Projects Selection Appeals Board fejn il-Kunsill gie infurmat li l-progett ma kienx ikkwalifika ghall-fondi mitluba.

9.8 Il-Kunsill iddiskuta VL mhux utilizzat minhabba esigenzi ta' xoghol mill-impjegati tal-Kunsill: Segretarju Ezekuttiv, skrivana u librara matul is-sena 2013. Is-Sindku u Lisa Marie Brooke iddikjaraw li ghandhom interess familjari u rtiraw mil-laqgha u hargu mill-kamra. Il-Kunsill qabel illi l-VL mhux utilizzat matul 2013 ghandu jkun trasferit ghas-sena 2014.

9.9 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-party tat-tfal fejn giet issugerit li ghal din is-sena tista' ssir mawra bil-Calypso Trains madwar Ghawdex u jigi mizjur il-Presepju Haj f'Ghajnsielem.

9.10 Emanuel Muscat staqsa dwar il-pjanti tal-parapett ta' l-iskola. Is-Sindku spjega li dan ix-xoghol suppost li ser isir min-naha ta' l-Edukazzjoni.

9.11 Is-Sindku issugerixxa sabiex issir ikla ghall-istaff ghal zmien il-Milied. Il-Kunsill qabel li din l-ikla ghandha ssir.

**10.0 Aggornament**

10.1 Il-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 17 ta' Dicembru, 2013.

9.2 Il-laqgha spiccat hin 6.00pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Deputat Segretarju Ezekuttiv